Kunsill Lokali Ħal Balzan

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan

## ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 66

Data tal-laqgħa: 20 ta' Ġunju 2023

Il-Kunsilli Lokali Ħal Balzan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 7/9, Triq Dun Spir Sammut, Ħal Balzan, fl-4.00 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:

Dr Angelo Micallef – Sindku (AM)
Mary Louise Briffa – Viċi Sindku (MLB)
Stephen Gatt - Kunsillier (SG)
Andrè Grech – Kunsillier (AG)
Dr Oliver Nicholas De Gaetano – Kunsillier (ONDG)

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Ma kien hemm ebda membru assenti b'apoloġija.

### ASSENTI:

Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Doriette Farrugia – Segretarju Eżekuttiv (SE)

## Minuti

Il-laqgħa bdiet fl-4.30pm peress li l-Kunsill iltaqa' ma' resident minn Triq il-Kbira fuq xi ilmenti li xtaq jiddiskuti. Is-Sindku, AM ippresjeda l-laqgħa.

## 66.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija

66.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 66.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

66.2.1 Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-Minuti ta' Laqgħa Nru. 64 u Laqgħa Urġenti Nru. 65. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

66.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Fuq proposta tal-Viċi Sindku MLB, li kienet issekondata mill-Kunsillier SG, il-minuti ġew approvati.

## 66.3 Punti li joħorġu mill-Minuti

66.3.1 <u>Para 64.3.4 – *Speed tables*</u>
Is-SE infurmat li TM approvaw li ssir *speed table* taħt iż-*zebra cross* li hemm fi Triq Ġużè' Bonnici. Din ser tiġi ordnata flimkien ma' dik ta' quddiem il-Każin tal-Football.

66.3.2 <u>Para 64.3.5 – Bankina fi Triq San Franġisk</u>
Is-SE infurmat li din il-bankina se ssir minn IM meta jagħmlu t-triq.

66.3.3 <u>Para 64.3.6 – *Bollards* / Bankina fi Pjazza Bertu Fenech</u>
Is-SE infurmat lis-Surġent Denise qed tissuġġerixxi li jsiru 2 *parking bays* mindudin fuq il-bankina ta' quddiem Kola Store. Is-SE qalet li din it-talba ma kinitx ġiet approvata minn TM fil-passat. Is-Sindku talab li nerġgħu nippruvaw napplikaw għall-permess ma' TM.

66.3.4 <u>Para 64.3.7 - Ċirkulari Nru 4/2023 – Proġett ta' *School Grannies*</u>
Is-SE infurmat li kitbet lill-Prinċipal tal-iskola primarja ta' San Alwiġi u s'issa għad m'għandniex risposta.

66.3.5 <u>Para 64.3.8 - *Traffic Island* fi Triq il-Kannizzata k/m Triq Birbal</u>
Is-SE infurmat li qed iġġib kwotazzjonijiet biex isir ix-xogħol. S'issa għandna kwotazzjoni waħda. Kien hemm qbil li nibgħatu *reminder* lill-kuntratturi u jekk nibqgħu mingħajr tweġiba mmexxu bil-kwotazzjoni li għandna.

66.3.6 <u>Para 64.10 – *Traffic Management* fi Triq Birbal, Triq il-Ferrovija l-Qadima u l-madwar</u>
Is-SE infurmat li TM approvaw l-applikazzjoni tal-Kunsill biex Triq il-Ferrovija l-Qadima ssir *one-way* direzzjoni lejn Ħ'Attard għal perjodu ta' prova ta' 3 xhur. Il-Kunsill qabel li nordnaw it-tabelli sabiex nibdew il-prova mill-aktar fis possibbli.

66.3.7 <u>Para 64.13.6 - Talba biex issir bankina fi Triq il-Kbira k/m Triq Santu Rokku</u>
Is-SE infurmat li din it-talba ġiet approvata minn TM. Is-SE qalet li kitbet lill-IM sabiex din il-bankina tiġi inkluża max-xogħlijiet li se jagħmlu fit-triq.

66.3.8 <u>Para 65.2 – Vakanza ta' Skrivan (Skala 15 – *Back-to-back*)</u>
Is-SE infurmat li Caroline Galea aċċettat il-kariga u bdiet taħdem mal-Kunsill mill-1 ta' Ġunju 2023.

## 66.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

66.4.1 <u>Laqgħa ta' qabel il-festa</u>
Is-Sindku infurma li fit-30 ta' Mejju 2023 saret il-laqgħa mal-pulizija u l-Każini ta' qabel il-festa, fejn semma numru ta' punti li ġew imqajma waqt din il-laqgħa.

66.4.2 <u>Laqgħa mal-pulizija</u>

Is-Sindku infurma li kellu l-laqgħa mal-pulizija li ssir kull xahar fejn semma l-istess problemi bħal *overspeeding* u parkeġġ ħażin, li jsemmi kull xahar.

66.4.3 <u>Ewropa Kreattiva</u>
Is-Sindku infurma li kellu laqgħa introduttorja ma' Ewropa Kreattiva dwar proġetti (Fondi Ewropej) li jista' jibbenefika minnhom il-Kunsill.

## 66.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

66.5.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet tal-Kunsilliera.

## 66.6 Rapporti

66.6.1 <u>*Tender for the Embellishment Works in* Triq il-Qarċilla, Ħal Balzan – BLC 04/2023</u>
Is-SE infurmat li dan il-proġett se jsir minn IM meta jagħmlu Triq San Franġisk. F'dan ir-rigward, il-Kunsill approva li dan it-*tender* jiġi kkanċellat.

66.6.2.1 <u>*Tender for Pavement Works in* Triq iz-Zekkuk, Ħal Balzan – BLC 05/2023</u>
Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill ir-rapport tal-Evalwazzjoni tat-Tender BLC 05/2023. Ir-rapport ġie approvat unanimament mill-Kunsill.

66.6.2.2 Is-SE spjegat li għal darb'oħra, l-unika offerta li ġiet sottomessa ma kinitx konformi fil-parti teknika u għalhekk trid terġa' tinħareġ sejħa ġdida. Is-Sindku talab li niktbu lid-DGL biex ninfurmawhom li ħriġna sejħa darbtejn, fejn l-ebda offerta ma kienet konformi, u għalhekk nitolbu l-permess biex dan ix-xogħol jingħata *b'Direct Order*. Il-Kunsill qabel.

## 66.7 Skemi Finanzjarji

66.7.1 <u>Ċirkulari Nru SPI/SCI/03/2023 – Espressjoni ta' Interess: *The World Cleanup Campaign 2023*</u>
Is-SE infurmat li l-applikazzjoni ma ġietx sottomessa għal fatt li minn kien bagħat il-kwotazzjoni biex jiġi kkrejat il-filmat edukattiv infurmana li mhux f'pożizzjoni li jlesti l-filmat sal-aħħar t'Awwissu. Is-SE qalet li ġabet kwotazzjoni oħra però kienet wisq għolja. Kien hemm qbil li l-*Cleanup* tal-pjazza u l-madwar ta' nhar is-Sibt 16 ta' Settembru 2023 issir xorta.

66.7.2 <u>Ċirkulari Nru SPI/SCI/04/2023 – Skema Finanzjarja – Komunitajiet aktar siguri u organizzati</u>
Is-SE infurmat li l-Pulizija ħejjew rapport fuq din l-iskema u skond ir-Reġjun ser ikunu qed jassistu fl-applikazzjoni.

## 66.8 *Traffic Management* fi Pjazza Bertu Fenech

66.8.1 Ġie kkonfermat li preżentament diġà hemm *road markings* biex jidderieġu t-traffiku li jkun tiela' minn Triq il-Kbira biex iddur għal Triq it-Tliet Knejjes però qed jiġu injorati. Is-Sindku qal lis-Surġent qed tipproponi li ssir *roundabout* minflok. Kien hemm qbil li *roundabout* toħloq aktar traffiku.

66.8.2 Il-Kunsill iddiskuta u qabel lir-*road markings* preżenti jsiru b'żebgħa ħamra u tiġi mdawwra t-tabella tal-i*Stop* biex ikunu aktar viżibbli.

66.8.3 Il-Kunsillier AG issuġġerixxa liż-*zebra cross* ta' Triq it-Tliet Knejjes tersaq fi ftit metri. Il-Kunsill qabel li l-ewwel naraw kif immorru b'dan l-arranġament u jekk il-problema tippersisti, tiġi diskussa din il-possibiltà.

## 66.9 Għalqa f'Wesgħa Profs. Ġuże' Aquilina

66.9.1 Is-Sindku infurma li l-applikazzjoni għall-*Community Greening Grant* ma ġietx approvata.

66.9.2 Is-Sindku talab li nitolbu laqgħa mal-Ministru għall-Enerġija, l-Intrapriża u l-Iżvilupp Sostenibbli, l-Onor. Miriam Dalli biex jiġi diskuss il-proġett propost mill-Kunsill.

## 66.10 Dawl dekorattiv

66.10.1 Is-SE infurmat li l-Kappillan m'aċċettax li nixgħelu l-kappelli ta' Triq it-Tliet Knejjes b'dawl dekorattiv.

66.10.2 Is-Sindku issuġġerixxa li tiġi esplorati l-possibilità li nixgħelu l-akwadott min-naħa ta' Ħal Balzan b'dawl bil-kulur meta jkun hemm xi avveniment.

## 66.11 *Pest Extermination*

66.11.1 Is-Sindku infurma lill-Kunsill bil-laqgħa li kellu ma' kumpanija tal-*pest control,* fejn ser ikunu qed jibgħatu kwotazzjoni fuq xi miżuri kontra l-problema tal-*hornets*.

66.11.2 Is-Sindku qal li apparti mill-miżuri, il-kumpanija tista' tgħin lill-Kunsill f'kampanja edukattiva fuq din il-problema, kif ukoll, jista' jiġi ffirmat ftehim magħhom fejn ir-residenti tal-lokal jibbenefikaw minn skont fuq prodotti / servizzi kontra l-*hornets* fil-proprjetà privata.

## 66.12 Ilmenti u *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill

66.12.1 <u>Xiri tal-vann</u>
Is-SE infurmat li biex jinxtara l-vann fl-aħħar tal-kirja dan irid jiġi trasferit fuq il-Kunsill u għalhekk unanimament ġie approvat li l-vann jiġi trasferit fuq is-SE f'isem il-Kunsill.

66.12.2 <u>Kirja tal-garaxx</u>
Is-SE infurmat lill-Kunsill li l-kirja tal-garaxx li qed jintuża mill-Kunsill bħala *store* kienet sal-aħħar ta' Ġunju 2023. Għalhekk, il-Kunsill unanimament approva li jġedded il-kirja għal sena bl-istess kundizzjonijiet u għall-ammont ta' €2,300.

66.12.3 <u>Ċirkulari AKL 2023/053 – *Clean-up* – Ministeru għall-Ambjent</u>
Ġiet innutata Ċirkulari AKL 2023/053 maħruġa mill-AKL. Il-Kunsill qabel li ninfurmawhom bil-*Cleanup* tal-pjazza u l-madwar li se ssir fis-16 ta' Settembru 2023.

66.12.4 <u>Talba biex tiġi riveduta r-*Residents' Parking Scheme* fiż-żona tal-pjazza</u>
Din it-talba ġiet diskussa mar-resident qabel ma bdiet il-laqgħa, fejn kien hemm qbil li niktbu lill-TM.

66.12.5 <u>Ilment fuq *road hump* fi Triq it-Tabib J. Zammit</u>
Residenta qed tilmenta għal fatt li xhur ilu, il-Kunsill ressaq *road hump* fi Triq it-Tabib J. Zammit bi ftit metri. Ġie rrimarkat li din resqet fuq talba ta' resident ġdid peress li kienet eżatt quddiem il-bieb tiegħu u kienet qed tikkawżalu *flooding*. Fl-opinjoni tal-Kunsill, ir-*road hump* qiegħda tajba u aktar effettiva.

66.12.6 <u>Daqq ta' ħornijiet f'Wesgħa Ġiġi Gauci</u>
Residenta qed titlob li teħel tabella *'no horns'* peress li ta' sikwit, sewwieqa speċjalment trasport tal-iskejjel, qed idoqqu l-ħorn meta jkunu għaddejjin miż-żona. Din it-talba ma ġietx approvata.

66.12.7 <u>Jum Ħal Balzan 2023</u>
Is-Sindku talab li din it-tema tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss. Is-SE infurmat lill-Kunsilliera biex jibgħatu n-nominazzjonijiet għal Ġieħ Ħal Balzan sa qabel il-laqgħa li jmiss.

66.12.8 <u>Dawl dekorattiv għal żmien il-Milied</u>
Is-Sindku talab li din it-tema tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss. Issuġġerixxa li apparti t-toroq tas-soltu, tiġi esplorati l-possibbiltà li ninkludu wkoll il-pjazza bil-fustuni. Is-SE se tilħaq iġġib xi kwotazzjonijiet.

## 66.13 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

66.13.1 Is-SE ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti nru. 06/23, li tinkludi l-ammont ta' €51.43c bħala *Petty Cash* għax-xahar ta' Mejju 2023.

66.13.2 L-iskeda ta' pagamenti kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier ONDG, li kien issekondat mill-Kunsillier AG. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet.

## 66.14 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

66.14.1 Il-laqgħa ntemmet fil-6.00pm.

66.14.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar it-Tlieta, 25 ta' Lulju 2023 fl-4.00pm.

Konfermati, illum it-Tlieta, 25 ta' Lulju 2023.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Dr Angelo Micallef<br>Sindku | Doriette Farrugia<br>Segretarju Eżekuttiv |